



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

16.1.2012

0001/2012

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar Programm Ewropew ta' tindif tax-xmajjar u taż-żoni kostali kkontaminati mill-poliklorobifenil (PCB)

Dominique Vlasto, Sonia Alfano, Raül Romeva i Rueda, Marc Tarabella

Data ta' skadenza: 20.4.2012

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar Programm Ewropew ta' tindif tax-xmajjar u taż-żoni kostali kkontaminati mill-poliklorobifenil (PCB)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Direttiva 96/59/KE tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 1996 dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar Strateġija Komunitarja rigward id-dioxins, il-furani u l-poliklorobifenili (COM(2001) 593),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Strateġija Komunitarja rigward id-dioxins, il-furani u l-poliklorobifenili (COM(2001) 593) – it-tielet rapport ta' attività (COM(2010)562),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi l-poliklorobifenili (PCB) ġew użati b'mod massiċċ mill-industrija sa mill-1930;
 - B. billi l-PCB huma pollutanti organiċi persistenti (POP), ferm tossiċi, kanċeroġeniċi u elementi li jħawdu s-sistema endokrinali; billi huma ftit li xejn bijodegradabbi, jinġabru fil-katina alimentari u jistgħu jiġu trasferiti lill-bnedmin, lill-annimali u lill-pjanti; billi x-xmajjar, is-siti naturali u dawk industrijal huma mniġġsa fit-tul fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi;
 - C. billi l-Unjoni pprevediet l-eliminazzjoni progressiva ta' tagħmir li fih PCB u stabbiliet konċentrazzjonijiet massimi ammissibbli ta' PCB fil-ħut, li fuq livell lokali wassal biex jiġi pprojbit is-sajd; billi l-Istati Membri mhux kollha jirreaġixxu bl-istess mod għar-riskji sanitari marbuta mal-PCB għas-saħħha, l-ambjent, l-akwakultura u t-turiżmu;
- 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkoordina l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ta' sejba u ta' ġlieda kontra t-tniġġis mill-PCB, li tistabbilixxi mappa preċiża, bażi tad-data komuni u sistema komuni ta' informazzjoni dwar iż-żoni mniġġsa fl-Unjoni Ewropea;
- 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi programm reali Ewropew ta' tindif tal-artijiet, tax-xmajjar u taż-żoni kostali l-iktar imniġġsa mill-PCB;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-isem tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti tal-Istati Membri.